



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6603/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 14
ENV 156
CLIMA 52

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
5 ta' Marzu 2020

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

4.	Strateġija fit-tul ippreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)	3
7.	L-Ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew	3
8.	Affarijiet oħra	3
d)	Implimentazzjoni ta' rkant sħiħ għas-settur tal-avjazzjoni taħt l-EU ETS	
e)	Simpożju ta' Livell Għoli dwar l-Ilma - Nibnu pont bejn SDG 6 u SDG 14 (Lisbona, 2 ta' Ġunju 2020)	
f)	Qabda inċidentali ta' dniefel komuni, dniefel suwed u speċijiet protetti oħra fl-irkaptu tas-sajd - sejħa għal azzjoni urġenti	
ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-Minuti tal-Kunsill.....		6

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. **Strateġija fit-tul ippreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)** 6348/20
Adozzjoni

Il-Kunsill adotta l-preżentazzjoni kif tinsab fid-dok. 6612/20 + COR 1.

7. **L-Ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew** 5993/20
Skambju ta' fehmiet 15321/19

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew abbażi ta' mistoqsijiet imhejjja mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dok. 5993/20.

Affarijiet oħra

8. d) **Implimentazzjoni ta' rkant sħiħ għas-settur tal-avjazzjoni taħt l-EU ETS**  6116/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Pollakka, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħrajn u mill-Kummissjoni.

- e) **Simpożju ta' Livell Għoli dwar l-Ilma - Nibnu pont bejn SDG 6 u SDG 14 (Lisbona, 2 ta' Ġunju 2020)** 6439/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Portugiża.

- f) **Qabda inċidentali ta' dniefel komuni, dniefel suwed u speċijiet protetti oħra fl-irkaptu tas-sajd - sejħa għal azzjoni urġenti** 6464/20
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 6202/20

Dwar il-punt "A" **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar**
nru 3: **is-Sajd Sostenibbli mar-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll ta'**
 Implimentazzjoni tiegħu
 Adozzjoni

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tibdel il-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma ssemmi l-paragrafu) u għalhekk qed iżżomm mal-proposta inizjali tagħha."